MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 112/2014

Il-Pulizija

**(Spettur Tony Cachia)**

vs

**Elaine Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Elaine Muscat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-30 ta' Mejju, 2012, ghal habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Msida u fi Triq l-Imradd, Ta' Xbiex:

1) ikkommettiet serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra liema serq huwa kkalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Edward Spiteri.

2) talli fl-istess gurnata, lok, hin u cirkostanzi fi triq jew f'post pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali.

3) talli kisret il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impostha fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru, 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' sensiela ta' serq u kienet giet illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

4) talli kissret il-provediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mpostha fuqha permezz ta’ sentenza definittiva datata 28 ta’ Settembru, 2011 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta’ prostituzzjoni skont l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5) Il-Qorti hija mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija titratta lill-imputata Elaine Muscat li kisret il-kundizjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati pereseduta mill-Magistrat Dott. Gabriella Vella LL.D. fl-14 ta’ Marzu 2012 u f’dan li ma tikkommettix delit iehor ta’ natura volontarja u li nstabet barra il-hin tar-rinkazar liema hin l-istess Qorti ordnatilha fid-digriet taghha u cioe' dik li kellha tkun gewwa mis-7pm sat- 8am waqt li kienet mehlusha mill-arrest u dan taht depositu ta’ €117 u garanzija personali ta’ €5000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta’ Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f), 270, 281(a), 49, 579(2) u 17(h)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament u l-artikoli 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha hlief ghall-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa u lliberatha mit-tielet akkuza peress li din diga ghaddiet in gudikat u kkundannatha ghal disa’ (9) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Elaine Muscat minnha pprezentat fl-24 ta’ Marzu, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar ir-reita, u tenut
kont tac-cirkostanzi kollha inkluz dak tal-kontinwat, tirriformaha dwar il-piena billi taghti wahda li aktar taghmel ghall-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-
II-ligi taghna taghti beneficcju tal-kontinwat skont l-Artiklu 18. Bl-ebda mod ma kienet qalet l-istess ligi li jekk tinzerta Qorti differenti u spettur differenti, tali beneficcju ma jinghatax.

Issa sar dan l-appell appositament halli jingabar ma' appell iehor li ghandha pendenti, u ghalhekk il-Q orti tal-Appell Kriminali tista' takkordalha l-beneficcju tal-kontinwat, apparti riforma tas-sentenza l-ohra li tigi mcahhda mill-kontinwat huwa kontra l-ligi kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanti hi wahda eccessiva.

Illi ftit hemm wiehed xi jghid dwar il-piena. L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' Elaine Muscat u il-ko-operazzjoni taghha mal-pulizija izda bil-fors kellha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata hi recidiva b'fedina penali mhux indifferenti.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti wara li hadet in kkonsiderazzjoni l-fatturi kollha erogata piena minima. Din il-Qorti mhiex tal-fehma li tali piena ghandha tigi ridotta ulterjorment.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Elaine Muscat u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------